Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,239, 26 ta' Lulju, 2019

Taqsima B

A.L. 175 tal-2019

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ (KAP. 441)

Regolamenti tal-2019 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Attivitajiet li jeħtieġu Permess mill-Kunsill Lokali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 16 tal-Att dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ, il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn regolamenti huwa Regolamenti tal-2019 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Attivitajiet li jeħtieġu Permess mill-Kunsill Lokali, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Attivitajiet li jeħtieġu Permess mill-Kunsill Lokali, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 441.04.

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

2. Is-subregolament (2) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-tieni proviso mal-paragrafu (a) tiegħu għandu jitħassar; u

(b) minflok il-paragrafu (b) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(b) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament għandhom japplikaw dawn l-eċċezzjonijiet li ġejjin:

(i) il-qisien speċifikati fil-paragrafu (a) ta' hawn fuq ma japplikawx għas-suq fil-beraħ li jinsab Marsaxlokk u li jintrama matul il-ġimgħa kif ukoll is-suq fil-beraħ fil-Belt Valletta u s-suq fil-beraħ li hemm fi Pjazza Santa Sabina, Victoria, Għawdex;

(ii) l-ispazju tal-posti fis-suq fil-beraħ li jinsab fi Triq l-Ordinanza, il-Belt Valletta, għandhom ikunu 1.52m bi 2.13m u mhux għoli aktar minn 2.44m.;

(iii) wara li s-suq jiġi allokat mill-ġdid, il-qisien tal-ispazju tal-posti allokati fis-suq ta' Marsaxlokk tal-Ħadd għandhom ikunu 2.44m bi

2.5m, 3.66m bi 2.5m, 4.57m bi 2.5m u 5.49m bi 2.5m skont kif miftiehem bejn il-Kunsill Lokali u l-bejjiegħa tal-monti;

(iv) l-ispazji għall-parkeġġ allokati mill-Kunsill għall-vetturi tal-bejjiegħa tal-monti li jkunu qegħdin joperaw mis-suq ta' Marsaxlokk tal-Ħadd għandhom jokkupaw żona allokata mill-Kunsill tal-lokalità involuta; u

(v) huma biss il-vetturi refriġerati użati minn bejjiegħa tal-monti u li jiġu identifikati mill-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk bħala li kienu qegħdin ibiegħu prodotti refriġerati mis-suq ta' Marsaxlokk tal-Ħadd qabel l-1 ta' Awwissu, 2018, li jistgħu jitħallew fl-ispazju allokat għall-posti:

Iżda l-vetturi refriġerati użati mill-bejjiegħa tal-monti biex ibiegħu prodotti refriġerati li kienu qegħdin jintużaw fis-suq ta' Marsaxlokk tal-Ħadd qabel l-1 ta' Awwissu, 2018 jistgħu jitħallew joperaw miż-żona allokata għall-posti biss jekk jitbattal xi spazju ta' daqs suffiċjenti u ma jkunx hemm ħadd ieħor qiegħed jistenna fuq il-lista biex jiġi allokat spazju għal bejjiegħ tal-monti f'dak is-suq partikolari.".